# Il-Knisja ta' Bir Miftuħ

*jikteb Chev. Mario Coleiro OSJ*



Fil-kampanja tagħna nsibu bosta kappelli u knejjes li jsebbħu l-ambjent tal-gżejjer Maltin. Xi kultant dawn il-kappelli nsibuhom ukoll viċin tal-abitat u saħansitra fil-qalba tal-irħula.

Oħrajn li fil-qedem kienu imwarbin u fid-diżabitat illum sar xi żvilupp ħdejhom li bidel kompletament l-ambjent tal-madwar.

F'bosta każi nsibu li ma' dawn il-knejjes hemm marbuta xi leġġenda jew xi storja partikolari. Oħrajn magħhom għandhom marbuta storja interessanti bħal dawk li kienu parroċċi jew knejjes ta' kult u devozzjoni.

Waħda mill-iktar knejjes li għandha storja rikka hija bla dubju ta' xejn il-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ. Din fil-qedem kienet waħda mill-ikbar parroċċi ta' Malta.

Meta wieħed ikun irid jagħmel riċerka fuq xi post partikolari, ħafna mill-informazzjoni jkollu jfittixha f'dokumenti jew kotba antiki.

Fortunatament f'pajjiżna fadlilna ħafna minn dawn id-dokumenti li permezz tagħhom nistgħu nisiltu din l-informazzjoni. Dawn id-dokumenti jinsabu fil-Bibljoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta, fl-Arkivju Nazzjonali fir-Rabat u f'ħafna arkivji parrokkjali li nsibu mxerrdin ma' kullimkien, speċjalment fil-parroċċi antiki ta' pajjiżna.

Żgur li dokumenti mportanti, li minnhom nistgħu nieħdu informazzjoni fuq knejjes, huma l-visti pastorali li kienu jwettqu l-Isqfijiet fil-parroċċi ta' Malta u Għawdex. Dawn il-visti pastorali kienu jkunu speċi ta' inventarju ta' dak kollu li kien jinstab fil-knejjes u fil-proprjetà tagħhom.

Ħafna minnhom jagħtuna deskrizzjoni dettaljata f'liema stat kienu jinsabu l-knejjes, informazzjoni fuq l-artali, paramenti sagri u apparat ieħor li kienu jippossjedu l-knejjes.

Minn dawn id-dokumenti nieħdu wkoll informazzjoni ta' meta l-Isqof kien jiddeċiedi li jipprofana xi knisja li kienet tkun fi stat ħażin jew ta' bini, jew għax abbandunata.

Meta tħares lejn il-knisja ta' Bir Miftuħ naraw li din hija knisja antika ħafna u li minn dejjem kienet miżmuma tajjeb u kellha l-bżonnijiet kollha. Dan nafuh minn żjarat li saru fiha minn diversi isqfijiet.

L-ewwel żjara li nafu biha f'din il-knisja hija ż-żjara li kien għamel l-Isqof Senatore de Mello fl-1436. Minn dan id-dokument nafu li l-knisja kienet fi stat tajjeb ħafna u kienet diġà parroċċa li magħha kienet tiġbor l-irħula tal-Gudja, Ħal Luqa, Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Mqabba, Ħal Safi u Ħal Farrug. Dan juriha l-firxa ta' art li kienet tiġbor fiha din il-parroċċa.

Minn dokumenti oħra jidher li kien il-Kanonku Consalvo Cansciun li fi żmienu ċċekknet u ngħatat l-għamla li għandha llum. Dan seħħ qabel il-wasla tal-Kavallieri f'Malta fl-1512.

Fl-għelieqi ta' wara l-knisja għadna nistgħu naraw il-pedamenti tal-parti tal-knisja li nħattet. Ir-raġuni għala din iċċekknet ma nafuhiex eżatt; jista' jagħti l-kas li dan sar peress li l-knisja kellha l-ħsara u biex jiġu ffrankati l-ispejjeż tat-tiswija tneħħiet il-parti li kellha l-ħsara.

Nafu wkoll li din ġarrbet ħsarat fl-1565 waqt l-Assedju l-Kbir u għalhekk wara kellha tissewwa.

Żjara pastorali oħra importanti li saret f'din il-knisja kienet dik li għamel Monsinjur Pietro Dusina li kien l-ewwel Inkwiżitur ta' Malta; din saret fl-1575 eżatt 10 snin wara l-assedju. Dusina jagħtina deskrizzjoni tajba tal-knisja u jelenka wkoll l-opri artistiċi li konna nsibu fil-knisja dak iż-żmien.

B'hekk nafu li barra l-artal maġġur kellha erba' artali oħra li kienu dedikati lill-Assunta, San Kożmu, San Damjan u l-Ispirtu s-Santu. Jidher li sa dan iż-żmien kien għadhom weqfin iż-żewġ knejjes żgħar li kienu jmissu ma' din il-knisja li kienu dedikati lill-Assunta u l-oħra lit-Twelid tal-Madonna.

Dusina żar dawn il-knejjes u jagħti deskrizzjoni tagħhom ukoll. F'din il-vista Dusina waqqaf f'din il-knisja l-Fratellanza tas-Sagrament.

L-Isqof Cagliares żar din il-knisja f'Settembru 1615. Minn din il-vista nafu li l-knisja kellha tabernaklu tal-injam li fih kien jitpoġġa pissidi tal-fidda. Cagliares jagħti deskrizzjoni tal-kwadru titulari kif ukoll tal-kumplament tal-pittura.

Fi żmien il-Gran Mastru Cottoner f'din il-knisja kien sar sagrileġġ meta xi ħallelin serqu l-pissidi li kien mimli ostji kkonsagrati. Din is-serqa ġabet il-kundanna ta' kulħadd u kienet ħaġa li skonvolġiet lill-poplu.



Il-Gran Mastru Cottoner flimkien mal-Isqof Balaguer ħarġu *scommunca maggiore* lil min kien wettaq dan is-sagrileġġ.

Fl-1673 saret iż-żjara tal-Isqof Astiria f'din il-knisja li kompla iktar dettalji fuq l-istat tagħha f'dak iż-żmien. Miż-żjara ta' dan l-Isqof nafu li fin-nofs tal-knisja kellha fejn kienu jindifnu l-mejtin u kien jinsab wieqaf salib tal-ġebel.

L-Isqof Astiria jgħidilna wkoll li f'dak iż-żmien il-knisja kellha ħames bibien li wieħed minnhom, dak tax-xellug, kien jinfed għaż-żewġ kappelli li jsemmi Dusina fil-vista tiegħu.

Minn dawn iż-żjarat naraw kemm nistgħu nieħdu informazzjoni importanti fuq l-istorja ta' bini bħal din il-knisja.

Fatt li jidher ċar huwa li l-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ sa mill-bidu tagħha kienet knisja importanti għall-funzjonijiet li kienet taqdi. Nafu wkoll li għal xi żmien kienet iservi ta' knisja parrokkjali għal tliet parroċċi; li kienu dik ta' Bir Miftuħ (il-Gudja) ta' Ħal Kirkop u tal-Imqabba. Fiha dak iż-żmien kieu jservu tliet kappillani.

Dan kien sar peress li f'dawn iż-żewġ irħula ma kienx hemm knisja adekwata biex taqdi dan id-dover.

Fortunatament din il-knisja għaddiet f'idejn Din l-Art Ħelwa li ħadet ħsieb tirrestawraha u żammitha fi stat tajjeb. Il-lum il-knisja hija attrazzjoni turistika u fiha jsiru diversi attivitajiet kulturali. Barra minn hekk tkun miftuħa fuq bażi regolari għall-viżitaturi.


